MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 21/2004

**John Chetcuti**

**vs**

**Kishin Mohnani**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fl-14 ta' Jannar, 2004 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, tmien mija u tnax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm3,812.50) rapprezentanti arretrati ta' sub-cens fuq il-fond "Leeben", Bay Square, Bugibba.

Bl-ispejjez legali u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza relattiva sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. L-ammont pretiz mill-attur mhux kollu dovut;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-konvenut ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu meta l-kawza kienet appuntata wkoll ghal daqshekk;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur fejn iddikjara li fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas hames mitt lira Maltin (Lm500) akkont u minkejja l-promessi, l-bilanc ghadu dovut sa’ llum.

Peress illi l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu,

Tilqa’ l-istess u tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta’ tlett elef, tliet mija u tna-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm3,312.50) rapprezentanti arretrati ta’ sub-cens fuq il-fond “Leeben” Bay Square, Bugibba.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------